FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
A.MICALLEF TRIGONA LL.D., MAG.JUR (EU LAW)

ILLUM 11 TA' LULJU 2017

Il-Pulizija

Spettur Roderick Agius

vs

Joseph Anthony Mercieca

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat detentur ta' karta tal-identita' 108862M akkuzat talli:

1. nhar il-5 ta' Gunju 2010, ghal habta ta' 00.30hrs, fi Triq Mdina Zebbuga, filwaqt li kien qed isuq vettura b'numru tar-registrazzjoni JAA 045, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, ikkaguna offiza ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Angelo Attard hekk skond kif iccertifika Dr. Rene Camilleri, Med Reg 3025 milll-Isptar Mater Dei ;

Il-Qorti mitluba li f'kaz ta' htija, tiskwalifika jew tissospendi l-licenzja tas-sewqan ta' Joseph Anthony Mercieca.

Rat in-nota tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema bi procedura sommarja mhux opposta;

Semghat ix-xhieda kollha;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Semghat it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

Illi l-kawza titratta incident automobilistiku li gara fi Triq L-Imdina, Zebbug fil-5 ta' Gunju 2010, bejn vettura misjuqa mill-imputat , numru tar-registrazzjoni JAA 045 u vettura misjuqa minn Angelo Attard, numru tar-registrazzjoni JBE 251. Jinghad li l-habta kienet wahda frontali u vjolenti tali li z-zewg vetturi spiccaw mhux ekonomikament vjabbli li jissewwew. Intant, l-imputat jinsab akkuzat li filwaqt li qed isuq il-vettura numru JAA 045, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, u b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, ikkaguna offiza ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Angelo Attard.

Illi sabiex treggi l-akkuza irid ikun irrizulta: l-ewwel, li l-imputat kien qieghed isuq l-vettura numru JAA 045, sussegwentament, li sehh l-incident fil-gurnata, hin u lok indikati fit-tahrika, li ghall-incident jahti l-imputat biss u li fih wegga gravi l-imsemmi Attard.

Illi mill-provi u d-dokumenti in atti jinsab ben pruvat li l-vettura in kwistjoni, numru JAA 045 kienet fil-hin tal-incident qieghda tinstaq mill-imputat; U li jinsab pruvat ukoll li l-incident sehh fil-gurnata, hin u lok indikati fit-tahrika. Dwar l-htija ghall-incident u l-feriti gravi konsegwenza tieghu fuq il-persuna tal-imsemmi Attard, m'hemmx dubbju fir-rigward il-feriti sofferti li huma gravi "per natura" u ghaldaqstant kolpiti b'Artikolu 216 (1)(d) tal-Kap 9. Ghal dak li jikkoncerna l-hitja ghall-istess ukolll m'ghandux ikun hemm dubbju li t-tort u r-responsabilita ghalih ghandna taqa' interament u unikament fuq l-imputat. Hekk kienet il-fehma tal-esperti teknici nominati fl-inkjesta, liema rapport taghho,, hu esebit folio 45 et seq, u hekk ukoll hija l-fehma ferma u konsiderta ta' din il-Qorti. F'dan il-kuntest l-abbli Avukat tal-imputat prova jiskredita lix-xhud Keith Azzopardi , xhud okulari ta' kif sehh l-incident. Il-Qorti, pero', ma tara xejn mhux kredibbli fix-xhieda tieghu u lanqas fil-komportament tieghu filwaqt li ha l-pedana tax-xhieda.

Illi ntqal dan pero', l-kolluzjoni kienet wahda sfortunata li sehhet meta l-imputat kien gie imsejjah sabiex imur il-Freeport, fejn kien jokkupa posizzjoni gholja u kien qieghed jirritorna lura d-dar. Il-kolluzjoni li segwiet kienet dovuta, verosimilment , minhabba distrazzjoni dovuta ghal ezawriment.

Illi jirrizulta finalment li l-parti leza irkupra totalment mill-griehi li sofra, mentri l-imputat baqa' menomat minhabba fihom.

Tiddeciedi ghalek li ssibu hati tal-akkuzi. Rat l-Artikoli 216 (1)(d) tal-Kap 9. Qieset l-attenwanti generici. Tilliberah billi tapplika kontra tieghu l-Artikolu 22 tal-Kap 446 bla kundizzjoni.

A.M. Trigona
Magistrat